MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 924/2010

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**Astratech Computer Systems Limited (C-39937)**
**u b'ordni tat-Tribunal ta' nhar is-16 ta' Settembru, 2011**
**in-numru tas-socjeta' inbidel ghal C-22684**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' tliet mija tmienja u erbghin ewro u disgha u disghin centezmu (€348.99) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta' konvenuta lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru (AC10080857) skont diversi kontijiet mibghuta lilha u skont kif jirrizulta mid-dokument anness mat-talba mmarkati IZY1 u IZY 2.

Illi s-socjeta' konvenuta giet nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, izda s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza .

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra li rapprezentant tas-socjeta' konvenuta naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-25 ta' Frar, 2011 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li rapprezentant tas-socjeta'konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

It-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------